MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 2236/2003

**Albert Portelli noe**

**Vs**

**Philip Borg**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas tas-somma ta' Lm227.37 (mitejn u sebgha u ghoxrin liri Maltin u sebgha u tletin) dovuti ghal servizzi rezi.

Bl-ispejjez u bl-interessi kontra l-konvenut mil-llum ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fl-4 ta’ Mejju 2004 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fl-14 ta’ Gunju 2004 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------